Ref Nru 16

Il-minuti tas-sittax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 21 ta' Ottubru 2016, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg<br>Paul Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba.

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-erbatax u l-hmistax il-laqghat.

2.1 Peress li l-minuti tal-erbatax u l-hmistax il-laqghat tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 Punti mqajma mill-minuti.

3.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ghamel referenza ghal minuti numru 15/2016 fil-korrispondenza bin-numru 2.3 dwar applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/04934/16. Huwa semma li l-*email* li giet iccirkulata bejn il-membri tal-Kunsill kollu dwar oggezzjoni ta' din l-istess applikazzjoni, spiccat f'idejn il-persuni li qed japplikaw ghal dan l-izvilupp dawn il-persuni kienu jafu ezatt bl-ismijiet tal-Kunsillieri li oggezzjonaw li kienu hu stess, il-Vici Sindku u l-Kunsillier Karl Buttigieg. Huwa semma wkoll li l-proprjetarji tas-sit huma nies li jigu minnu u li lanqas biss kien jaf li huma s-sidien tas-sit u li nqala` hafna nkwiet bejn il-familji. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li dawn l-affarijiet m'ghandhomx jergghu jsiru ghax inkella x'hin tintbghat *email* ma jaghtix kasha u l-materja tigi diskussa waqt isir laqgha tal-Kunsill. Huwa ghalhekk ssuggerixxa li tigi mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni sakemm il-bini jsir skond il-linji gwida tal-Awtorita`. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.2 Il-Vici Sindku semma li dawn in-nies jigu minnu wkoll u nqala hafna nkwiet bejn il-familji. Il-Vici Sindku semma dan il-kaz huwa simili ta' kaz iehor li huwa kien ghada minnu meta individwu mar jghid kontrieh ma ommu u missieru filwaqt li dan l-individwu ma kienx jaf minn huma, imbaghad wara x'hin sar jaf minn kienu mar jiskuza ruhhu maghhom.

3.3 Il-Kunsillier Jesmond Borg qal li lanqas biss jaf minn huma l-applikanti/sidien.

3.4 Is-Sindku Clint Camilleri semma li lilu kienu kellmuh xi persuni, fejn forsi veru qalilhom xi haga imma lanqas kien jaf li kien hemm il-familji involuti. Huwa semma li kellmu l-Perit Bigeni li huwa l-Perit tal-applikanti li forsi qal xi haga hu ukoll. Is-Sindku semma li l-opinjoni tieghu kienet dejjem li l-Kunsill m'ghandux jidhol f'applikazzjonijiet li jkunu tal-privat u li l-Kunsill jidhol biss meta l-progett ikun kbir. Huwa skuza ruhhu ghal dak li nqala`.

3.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-Ing Mario Schembri Chief Executive GreenPak Co-operative Society u Joe Attard Chief Executive ta' Green MT Ltd. fejn gew informati li l-Kunsill jixtieq jidhol bi ftehim ma xi hadd minnhom dwar il-gbir tal-iskart tal-ippakeggjar.

## 4 Korrispondenza.

4.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

4.2 Ittra mibghuta minn Joseph Borg Segretarju mill-Awtorita` tal-Ippjanar bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill fejn kien gie mitlub jekk il-Kunsill hux intitolat ghall-fondi li kellhom jitpoggew minn Road Construction Co. Ltd lill-Awtorita` minn meta hareg il-permess tal-barriera tal-blat tal-qawwi sad-data tal-lum. Ir-risposta tas-Sur Borg kienet li din il-kundizzjoni ghada fis-sehh izda skond kif inhi miktuba l-kundizzjoni, il-kontribuzzjoni mhux awtomatikha peress li x-xoghol ta' manutenzjoni jridu jitweqqtu u jigu certifikati minn Perit u li jidher li l-Kunsill ghadu ma bghatx xi tip ta' certifikazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta li propjament ma saritx risposta ghal mistoqsija li staqsa l-Kunsill fl-ittra tieghu, ghalhekk gie deciz li ghandha tintbghat ittra ohra permezz ta' avukat.

4.3 Ittra mibghuta mis-Segretarja Dorianne Ciantar mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar applikazzjoni PA004753/15 *development of an existing residence into a residential unit and an agriculture store site* at Andar ix-Xaghari, Qala fejn il-Kunsill gie informat li gie intavolat appell lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar; appell numru 00268/16.

4.4 Zewg ittri mibghuta mis-Segretarja Dorianne Ciantar mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar appell numru 00222/16 fuq l-applikazzjoni PA/03798/02 fejn il-Kunsill gie informat li ser jinzamm smiegh nhar il-Hamis 6 t' Ottubru 2016. Ittra mibghuta minn Denise Martin mill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn anness mal-ittra ntbghatet kopja tar-risposta tal-Awtorita` dwar l-istess appell.

4.5 Ittra mibghuta mis-Sindku Franco Ciangura mill-Kunsill Lokali Ghajnsielem dwar invit – partecipazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem fejn il-Kunsill gie mitlub jistieden il-Kunsill Lokali Taljan li gie iffirmat l-patt mieghu billi nistiednu grupp minnhom sabiex jigu jiehdu sehem f'Bethlehem f'Ghajnsielem. Il-Kunsill iddiskuta li jrid jara ftit peress li l-Kunsill Taljan kellhom l-elezzjoni u nbidlu l-membri.

4.6 Ittra mill-Wasteserv dwar *European Week for Waste Reduction.* Il-Kunsill iddecida li ma jippartecipax.

4.7 Ittra mibghuta minn Ruben Said mit-Transport Malta fejn informa lill-Kunsill li t-Transport Malta ma jsibx oggezzjoni dwar talba ghal *stop sign* fi Triq il-Mithna kantuniera ma Triq Wied Simar.

4.8 Notifiki t'avvizi mibghuta minn Louise Cremona ghad-Direttur ta' l-Infurzar tal-Awtorita` tal-Ippjanar u Tania Micallef Darmanin b'referenzi EC/00416/16 u EC/00398/16 respittevament, fejn b'dawn l-istess notifiki nformaw lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

4.9 Zewg ittri mill-Avukat Joseph Grech f'isem il-klijent tieghu Nicholas Zammit dwar avviz ta' oggezzjoni ghall-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix in an environmentally friendly manner (zona A) u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix in an environmentally friendly mannter (zona B).

**5 Laqgha mal-kuntratturi ta' Road Construction Co. Ltd. dwar manutenzjoni fi Triq Andar ix-Xaghari/Triq Wied Simar.**

5.1 Ghal din il-parti tal-laqgha attendew Victor Hili, Louis Grima u l-Avukat Charlie Galea ghal Road Construction Co. Ltd u l-Perit Godwin Agius ghal Kunsill Lokali Qala. Il-Perit Godwin Aguis ta spejgazzjoni tal-istima li huwa pprepara sabiex isir xoghol ta' *resurfacing* fi Triq Andar ix-Xaghari li ser jigi mhallas mill-kumpanija Road Construction Co. Ltd skond il-kundizzjoni li huma ghandhom fil-permess tal-barriera tal-blat tal-qawwi. Giet diskussa dik il-parti tat-triq fejn hemm hotba u li tahtha hemm l-gherien. Il-Vici Sindku semma li din ghandha tibqa kif inhi peress li jekk isir xi xoghol sabiex titbaxxa ser isir hsara zgur fl-gherien li jinsabu taht it-triq. Victor Hili semma li din tista` tigi mhammla ftit bil-patt li ma jsirux hsarat lill-gherien kif ukoll li x-xoghol isir ghas-spejjes tal-kumpanija barra €23,000 xoghol ta' *resurfacing*. Il-Vici Sindku semma li jekk ser tigi mhammla ftit ghandha jsir garanzija l-bank ghal hsarat li jistghu jigu kkagunati. Victor Hili ma qabilx ma dan. Is-Sindku semma li minflok garanzija l-kumpanija ghandha taghmel assigurazzjoni. Sar qbil bejn iz-zewg nahat fuq dan. Wara diskussjoni sar qbil ukoll bejn iz-zewg partijiet fuq il-pjanta u l-istima li pprepara l-Perit u li ghandu jsir xoghol ta' *resurfacing* bil-konkos li jammonta ghal madwar €23,000 (li huma Lm2,000 x 5 snin) mill-kumpanija Road Construction Co. Ltd. Gie ppreparat ftehim bejn iz-zewg partijiet mill-Avukat u dan gie moqri. Huwa bghat kopja tieghu *email* lil kulhadd u gie deciz li jigi ffirmat darb'ohra.

**6 Premju Unur Gieh il-Qala 2016.**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta li din is-sena Premju Unur Gieh il-Qala 2016 ghandu jinghata lill-qassisin Mons. Lawrenz Xerri u Dun Karm Xerri peress li hekk kien gie deciz is-sena l-ohra. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan.

**7 Il-grawnd tal-futbol fi Triq l-Imgarr, Qala.**

7.1 Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol fuq il-grawnd tal-futbol mill-Qala Saints Football Club. Dan diga` kienu gew informati l-membri tal-Kunsill permezz ta' *email* li giet mibghuta mill-Qala Saints Football Club. Is-Sindku semma li l-ispejjes ghal dan ix-xoghol

mhumiex minn tal-Kunsill izda minn naha tal-*Club* u li jekk jieqaf ix-xoghol il-Kunsill mhu ser jidhol f'ebda obbligazzjoni li jhallas ta' xi spejjes ta' xoghol li jkun sar. Huwa semma li l-hajt li kien twaqqa sabiex isir it-thammil, ser jinbena mill-Qala Saints Football Club.

7.2 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Alexandar Zammit fl-Awtorita` tal-Ippjanar fejn gie mitlub sabiex il-*fee* li tammonta ghal €6,578.52 ghall-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp *'To upgrade existing football pitch including new changing rooms and related facilities'* tigi mnaqqsa sabiex tinkludi biss l-*area* tac-*changing rooms*. Il-Kunsill ircieva risposta minghand Paul Azzopardi mill-Awtorita` fejn semma li din il-*fee* ma tistax tigi mnaqqsa peress li hemm *remote control race track*, *basketball pitch* u *seating area*. Giet mibghuta ittra lill-Awtorita` mill-Perit Edward Scerri fejn gie informat li l-*basket ball pitch* u r-*racing track* mhux ser isiru kif ukoll is-*seating area* hija diga` approvatha f'permess PA1303/05. Il-Kunsill ircieva kont iehor din id-darba mnaqqas ghal €5,452.52. Il-Kunsill qabel li ghandha tithallas din il-*fee*. Giet trattata korrispondenza ohra dwar din il-materja bid-dati 7 t'Ottubru u 13 t'Ottubru 2016.

## 8 *Water culvert* f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

8.1 Il-Vici Sindku semma li l-*water culvert* f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni sar u jidher li ser ikun ta success. Huwa semma li issa baqa li jitkompla l-*water culvert* fil-parti tal-bidu ta' Triq il-Kuncizzjoni. Is-Sindku semma illi l-Kunsill m'ghandux fondi bizzejjed u li x'hin johorgu xi applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ghandu japplika.

## 9 Rendikont dwar il-laqgha li kellu l-Kunsill mal-*Paying Agency* dwar il-fondi tal-EAFRD, mizuri 125, 313, 323 u 413.4.

9.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgha li l-Kunsill kellu mal-*Paying Agency* dwar il-fondi tal-EAFRD mizuri 125, 313, 323 u 413.4. Ghal din il-laqgha kienu prezenti s-Sindku Clint Camilleri, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, il-Perit Edward Scerri u Mario Gatt (il-kuntrattur). Il-laqgha saret ma' Henriette Putzulu Caruana. Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar x'gie diskuss fil-laqgha. Huwa semma li dwar mizura 323 fejn kienu bghatu ittra li l-Kunsill irrid jirrifondi xi flus lura, sabu li kellhom zbal fil-kalkuli taghhom. Mizura 313 ghadhom ma nghatawx il-fondi kollha izda kienet giet sottomessa applikazzjoni ghal fondi addizzjonali u saru xi hlasijiet ta' parti minn xi kontijiet u ghalhekk b'hekk ikkommettaw ruhhom li dawn ser jithallsu. Il-fondi tal-mizura 125 ser jinghataw u l-fondi tal-mizura 413.4 fejn ukoll bghatu ittra sabiex il-Kunsill jirrifondi xi flus lura, talbu l-ircevuti fiskali tal-kuntrattur qabel ma jsir il-hlas.

## 10 Gbir tal-iskart fil-Qala.

10.1 Is-Sindku semma li s-sistema l-gdida tal-gbir tal-iskart li tinkludi l-borza tal-iskart organiku, issa ndrat mir-residenti.

## 11 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

11.1 Il-Kunsill ircieva cirkulari 16/2016 mid-Direttur Adrian Mifsud tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarja pproponiet lil Lucienne Haber li hija Segretarja fil-Kunsill Lokali Ghajnsielem. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandha tigi nnominatha Lucienne Haber bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali Qala.

## 12 Approvazzjoni tal-pagamenti.

12.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 5/2016, SP 6/2016, SP 7/2016 u SP 8/2016. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

Giet trattata din il-materja:

Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hemm applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru 5963/16 sabiex jinbnew zewg *stores* kbar fl-*area* taz-Zriezaq. Huwa semma li ghandu jinghata permess sakemm l-izvilupp jintuza bhala *stores* u jkun *compliant* mal-ligijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-16 ta' Settembru 2016 sal-21 ta' Ottubru 2016 minn referenza numru 140/16 sa referenza numru 169/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 88/16 sa referenza numru 101/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 13. Aggornament.

13.1 Il-laqgha ntemmet fid-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2016.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |